

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIJONI TAL-KUNSILL

tat-23 ta' Mejju 2011

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim dwar il-Protezzjoni u l-Iżvilupp Sostenibbli taż-Żona tal-Park ta' Prespa

(2011/646/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192 (1) flimkien mal-punt (a) tal-Artikolu 218 (6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (¹), ("id-Direttiva Qafas tal-UE dwar l-Ilma") teħtieġ, meta baċini ta' xmajjar jestendu lil hinn mit-territorju tal-Unjoni, li l-Istati Membri jippruvaw jistabbilixxu koordinazzjoni xierqa mal-Istati mhux Membri rilevanti, bliskop li jintlaħqu l-miri tad-Direttiva fid-distrett kollu tal-baċin tax-xmara.
- (2) Fis-27 ta' Ġunju 2006, il-Kunsill adotta deċiżjoni li tawtorizza lill-Kummissjoni tinnegozja, fisem il-Komunità Ewropea, il-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali dwar baċini ta' xmajjar ħalli ttejjeb tal-kooperazzjoni fbaċini ta' xmajjar Ewropej kondiviżi bejn ċerti Stati Membri u pajjiżi terzi.
- (3) Il-Lagi ta' Prespa u l-madwar tagħhom huma żona natu-rali unika b'sinifikat ekoloġiku għoli, li jista' jiġi ppre-servat biss permezz ta' approċċ olistiku flivell ta' baċin.
- (4) Ftehim dwar il-Protezzjoni u l-Iżvilupp Sostenibbli taż-Żona tal-Park ta' Prespa ġie nneżejż mill-Kummissjoni Ewropea, il-Greċja, l-Albanija u dik li kienet ir-Repubblika

Jugoslava tal-Maċedonja u jikkostitwixxi titjib fil-kooperazzjoni eżistenti fiż-żona filwaqt li għandu l-potenzjal li jikkontribwi xixxi għall-implementazzjoni b'suċċess tad-Direttiva Qafas tal-UE dwar l-Ilma.

(5) Il-Ftehim għandu jiġi konkluż;

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim dwar il-Protezzjoni u l-Iżvilupp Sostenibbli taż-Żona tal-Park ta' Prespa huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat sabiex jaħtar il-persuna(i) bis-setgħha li tipproċedi, fisem l-Unjoni, għan-notifikasi prevista fl-Artikolu 18 tal-Ftehim, sabiex tesprimi l-kunsens tal-Unjoni li tinrabat bil-Ftehim.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha (²).

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Mejju 2011.

Għall-Kunsill

Il-President

MARTONYI J.

(¹) ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1.

(²) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarj Ġenerali tal-Kunsill.